MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Rikors Numru. 66/2002/1

**Josette mart Carmel Micallef u Mary Rose Borg , ahwa Abdilla**

**vs**

**Carmela armla ta' Carmelo Borg**

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi huma jikru lill-intimata l-mahzen Mercedes Garage fi Triq il-Kostituzzjoni, Mosta veru l-kera ta' Lm60 fis-sena li tithallas kull sitt xhur bil-quddiem u li l-kera li jmiss taghlaq fit-30 ta' Lulju, 2002.

Illi l-intimata biddlet id-destinazzjoni tal-fond.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu l-pussess tal-fond fuq imsemmi u konsegwentement tordna l-izgumbrament ta’ l-intimata fi zmien qasir u partentorju li jigi lilha prefiss.

Ra li fis-seduta tat-23 ta’ Settembru, 2002 ir-rikors gie kontestat u l-avukat ta’ l-intimata giet moghtija hmistax-il hum biex tipprezenta risposta.

Ra li din ir-risposta ma gietx prezentata u minn naha intimata ma qed jidher hadd ghas-seduti.

Jilqa’ t-talba u jawtorizza lir-rikorrenti jergghu jiehdu f’idejhom il-fond/mahzen Mercedes Garage fi Triq il-Kostituzzjoni Mosta; ghall-ghan ta’ tkeccija jaghti xahar zmien m’illum; l-ispejjez jithallsu mill-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------